MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 684/2006

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Diesel S.p.a. ta` 7, Via dell`Industria, 36060 Molvena, Vicenza l-Italja**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u PL Mario Mifsud Bonnici li b`digriet ta` 27 ta` Frar, 2007gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Visa Negoce (Sarl) Import Export, ta` N 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih ippremettew illi:

1. L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone jirrapprezenta lis-socjeta` estera Diesel S.p.a. maghrufa sew madwar id-

dinja inkluz f`Malta, *inter alia* in konnessjoni ma` arloggi tal-idejn (*wristwatches*), u proprjetarja ta` diversi registrazzjonijiet dwar *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha;

2. B`hila u b`invenzjoni, kif ukoll b`hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

3. In partikolari, is-socjeta` attrici ghandha rregistrata f`Malta b`effett mit-18 ta` Jannar, 1994, *it-trademark* bin-numru ta` registrazzjoni 22930, u dan dwar arloggi tal-idejn (*watches)* fost ohrajn li jaqghu fi klassi 14 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta` Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purpose of the Registration of Marks* tal-15 ta` Gunju, 1957 (kif sussegwentement emendat);

4. Dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija *"detentrici ta` dritt"* ghall-iskopijiet tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta` l-Edizzjoni Riveduta ta` l-Ligijiet ta` Malta), biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) taghha;

5. Recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri dogonali msemmija fl-artikolu 4 ta` l-istess Kap. 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* IPXU3018214 kontenenti *inter alia* 6730 arloggi tal-idejn li fihom sinjali fosthom il-kelma *"DIESEL"* miktuba b`mod prominenti, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee/*importatrici ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT, u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt dwar proprjeta intellettwali.

6. Is-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fil-12 ta` Lulju, 2006, u wara li ezaminat ritratti elettronici ta` kampjuni ta` dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali;

7. L-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet tal-artiklu 4 tal-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll dawk rilevanti tal-artiklu 10 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u japplikaw ghall-kaz *inter alia* d-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416, 2 u 8(1) tal-istess Kap. 414 u 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);

8. Sussegwentement is-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u gie lis-socjeta` attrici prefiss terminu mill-istess Kontrollur tad-Dwana sas-26 ta` Lulju, 2006 (inkluz) sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. L-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu lill-konvenuti sabiex jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`arloggi tal-idejn li fihom sinjali fosthom il-kelma “DIESEL” miktuba b`mod prominenti u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx ta` l-*container* IPXU3018214 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademark* taghha bin-numru ta` registrazzjoni 22930 – DIESEL;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li

jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta` - l-konvenuta;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-digriet tas-27 ta` Frar, 2007 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT tal-Casablanca, Marokk.

Rat ir-risposta tal-imsemmija kuraturi deputati fejn huma kkonfermaw illi:

1. Preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposta taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti socjeta` konvenuta;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-affarijiet kollha indikati fir-rikors guramentat huma foloz u/jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici;

3. Id-dokumenti pprezentati mis-socjeta` attrici jridu jkunu originali jew awtentikati;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat l-affidavits prodotti.

Ikkunsidrat illi jirrizulta li Dr. Luigi Sansone huwa mandatarju tas-socjeta` estera Diesel S.p.a.

Mill-provi jirrizulta li l-istess socjeta` hija proprjeta` ta` diversi *trademarks* inkluzi dawk li jkopru arloggi tal-idejn bil-kelma *"DIESEL"*, koperti bir-registrazzjoni 22930.

Jirrizulta wkoll illi fit-13 ta` Gunju, 2006 inhatt fil-Port Hieles container nru IPXU 3018214 minn fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN container li kien fih 6730 arloggi li jgorru fuqhom il-marka DIESEL.

Dan jirrizulta mill-affidavit ta` George Agius Fizzjal tal-Dwana ta` Malta.

Permezz ta` affidavit ta` Jaime Norris, l-attur irnexxielu jipprova fi grad tekniku bizzejjed illi tali arloggi jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` DIESEL S.p.a.

Dawn il-provi ma gew kontradetti bl-ebda mod u ghalhekk jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati, tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunsinna ta` arloggi imsemmija fir-rikors promotur li nhatt minn container IPXU 3018214 kienet falza ghall-kull fini u effett tal-ligi; tilqa` t-tieni talba u tordna lill-kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-merkanzija fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dak inhar li jigi notifikat, a karigu tar-rikorrenti, b`kopja awtentikata ta` din is-sentenza;

Tordna lill-kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata mid-distruzzjoni tal-merkanzija kif ordnat, hu ghandu jdahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li

biha jgharraf il-Qorti bl-esekuzzjoni tal-ordni moghtija b`din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

Tilqa` r-raba` talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b`dana li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provvisorjament mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------